MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 366/2013

Il-Pulizija

(Spettur Pierre Grech)

vs

**Antoine Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Antione Agius, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-4 ta' Lulju, 2002, u fix-xahrejn ta' qabel go Hal-Qormi, u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292 ta' l-1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292 ta'

l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Talli kkommetta dawn ir-reati f’post, fi jew gewwa centru, u jew f’distanza ta’ mitt (100) metru mill-parametru ta’ post fejn jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li Ghandhom X’Jaqsmu Maghhom.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Lulju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), kif ukoll it-tieni proviso tal-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292 ta' l-1939 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba fil-konfront tieghu, u fil-waqt li ma sabitux mhux hati u lliberatu mill-imputazzjoni (c) ossia mill-aggravju tad-distanza, ikkundannatu ghall-piena ta’ tmien (8) xhur prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest

preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – u multa ta' seba' mitt Euro (€700), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni illi tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma nhatar ebda espert f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Antoine Agius minnu pprezentat fis-7 ta' Awwissu, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata, u fil-waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie liberat minn l-akkuza (c), thassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-akkuzi (a) u (b), u konsegwentement tilliberah minnhom; ssudidjarjament, tvarja l-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Fl-ewwel lok ssir referenza ghal fatt, li anke l-Ewwel Qorti jidher li tat certu importanza fil-konsiderazzjonijiet taghha, u cioe' l-fatt illi ghal xi raguni l-prosekuzzjoni ma ezebitx d-droga eroina, allegatament involuta f'dan il-kaz, u liema suppost giet elevata, konfiskata u ezebita l-Qorti, sabiex tigi sottomessa ghal provi forensici appoziti.

Jigi umilment sottomess, u dan minghajr ebda tlaqlieq, illi l-appellant jikkonsidra li dan huwa nuqqas serjissimu da parti tal-prosekuzzjoni, specjalment meta wiehed jikkonsidra li l-appellant tressaq il-Qorti wara *controlled delivery* u cioe' operazjoni specfikatament intiza mill-prosekuzzjoni sabiex persuna u cioe' f'dan il-kaz l-appellant, jinqabad u ssusegwentement jitressaq il-Qorti.

Ghaldaqstant, l-appellant jilmenta illi fin-nuqqas ta' droga ezebita, huwa kellu jigi liebrat minn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni mmarkati bhala (a) u (b). Dan peress illi l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu *tal-best evidence.* Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni tenuta li tressaq l-ahjar

prova, u fic-cirkostanza certament illi fl-assenza tad-droga eroina, ma tressqitx l-ahjar prova possibli. Wiehed ma jistax jiskarta l-fatt illi f'dan il-kaz, id-droga kienet instabet, u fil-fatt dan jirrizulta car mid-depozizzjonijiet ta' l-Ispettur Josric Mifsud. Illi ghalhekk zgur illi ma giex sodisfatt il-principju kardinali tal-kamp kriminali li sabiex ikun hemm sejbien ta' htija il-Prosekuzzjoni trid necessarjament iggib u tipprezenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess taghha. Tant hu hekk illi l-prosekuzzjoni tentuta tipprezenta KULL prova kemm dik favur u kemm kontra.

*Il-'best evidence rule'* hija riprodotta fil-Ligi taghna fl-artiklu 638 tal-Kapitolu 9 fejn is-sub-artikolu 1 jghid: *"Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu ikun importanti ".*

Ghalkhemm jekk wiehed jifli l-gurisprudenza nostrana, wiehed jista facilment jikkonkludi illi l-Qrati taghna, almenu recentement, qed jiehdu l-linja Ingliza, u cioe' illi mhux biss l-ahjar prova, izda kwalunkwe prova rilevanti ghandha tkun prezentata, f'dan il-kaz, certament illi x-xhieda ta' Anthony Frendo u Ryan Aguis, kif ukoll tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri, ma jistghux jaghmlu tajjeb, u jissostitwixxu dan in-nuqqas. Dan peress illi f'dan il-kaz, il-Qorti ma setghet qatt tasal ghal konviciment morali, illi hawn si tratta ta' droga eroina. *Dato ma non concesso* illi l-imputat veru traffika xi sustanza dak in-nhar, wiehed ma jistax ikun moralment konvint illi dik kienet susutanza llecita, la darba din ma gietx ezebita. Fil-fatt din hija propju r-raguni ghalfejn kawlunkwe droga ezebita, tigi ezaminata mill-esperti, sabiex wiehed jiddetermina jekk fl-istess sustanza kienx hemm sustanza kontrollata bil-ligi jew le. *Come di fatti* jekk per ezempju persuna tinsab fil-pussess ta' sostanza suspettata illegali, u wara li jsiru t-testijiet forensici, jirrizulta li effettivament din ma kien fiha ebda sustanza kontrollata fil-ligi, allura l-persuna jkollha bilfors tigi liberata.

Konsegwentement, f'dan il-kaz, la darba ma gietx ezebita droga, ebda Qorti ma jista jkollha l-konvinciment morali illi hawn veru *si tratta* ta' droga eroina.

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwardja l-verzjoni tax-xhud principali u cioe' Anthony Frendo. Ghalkemm huwa minnu li mhux kull konflitt ta' prova jwassal ghal dubju, f'dan il-kaz la kien *safe u lanqas satisfactory* illi l-Qorti tistrieh fuq id-depozizzjoni ta' persuna li jbiddel il-verzjoni b'mod drastiku. Fil-fatt jekk wiehed jifli d-depozizzjoni guramentata li ta Frendo, quddiem il-Magistrat Inkwerenti, u dik illi huwa ta quddiem l-Ewwel Qorti, wiehed minn l-ewwel jinduna illi dan ix-xhud ma' huwa konsistenti xejn. Fil-fatt, huwa

jasal biex jghid illi lanqas kien cert jekk huwa tax il-flus lil Ryan Agius il-passigier, jew l-appellant li kien qed isuq. Tant iehor ma kienx cert min tah id-droga. Bir-rispett kollu kif setghet l-Ewwel Qorti ssib htija fl-appellant fid-dawl ta' depozizzjoni daqshekk konfliggenti u mimilja dubji. Inoltre, wiehed ma jistax jiskarta l-fatt illi Anthony Frendo kien hu wkoll inqabad bid-droga, u ghalhekk kellu kull interess illi jimplika persuna ohra. Sa certu punt, f'certu cirkostanzi, dak hu propju l-izvantagg ta' l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta.

In kwantu ghal dak li jikkoncerna il-piena, l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, u senjatament tat-trapass konsiderevoli taz-zmien, fejn biss biss l-Ewwel Qorti kif preseduta nbidlet tlett (3) darbiet, il-piena nflitta fuqu kienet wahda eccessiva; ghalhekk fid-dawl ta' dak sottopost, l-appellant umilment jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali

Illi preliminarjament, l-imputat appellant jilmenta illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar is-26 ta’ Lulju 2013, qatt ma kellha issib htija fil-konfront tal-istess imputat appellant tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dan ghaliex il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-ahjar prova possibli sabiex tipprova l-kaz taghha billi naqset milli tezebixxi fl-atti ta’ din il-kawza d-droga heroijna.

Illi l-imputat appellant jispjega illi x-xiehda ta’ Anthony Frendo u Ryan Agius, kif ukoll tal-Pulizija illi xiehdu f’dawn il-proceduri, ma jistghux jaghmlu tajjeb ghal tali nuqqas u dan ghaliex *“Dato ma non concesso illi l-imputat vera traffika xi sustanza* ***<u>dakinhar</u>*, *wiehed ma jistax ikun moralment konvint illi dik kienet sustanza illecita, la darba din ma gietx ezebita.”***

Illi l-esponenti jibda billi jirrileva illi l-aspett temporali tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tal-imputat appellant ma humiex limitati ghal dakinhar illi sehhet il-*controlled delivery,* u cioe’ nhar l-04 ta’ Lulju, 2002, izda huma estizi ghal *“…nhar l-4 ta’ Lulju, 2002, u x-xahrejn ta’ qabel…”.*

Illi l-esponenti umilment jaghmel referenza ghal *fol* 45 u 46 tal-atti tal-kawza fejn hemmhekk ix-xhud Anthony Frendo nhar il-05 ta' Novembru, 2007 jixhed dan li gej u cioe':

*"Pros: inti kemm-il darba kont inqdejt minghand dan is-sinjur?*
*Xhud: U le xi darba ohra kont inqdejt…*
*Qorti: Tiftakar meta inqdejt…?...*
*Xhud:* ***Qisu xi xahar [qabel ma saret il-controlled delivery]***"

Illi ghaldaqstant anke jekk, fl-aghar ipotezi, din l-Onorabbli Qorti ma ssibx htija fil-konfront tal-imputat appellant illi nhar l-04 ta' Lulju 2002 l-istess imputat appellant ittraffika d-droga herojina, necessarjament ghandha ssib htija fil-konfront tieghu talli ttraffika d-droga herojina, u talli kellu pussess aggravat tal-istess droga, fil-perjodu relattiv ghal dan il-kaz u cioe' ***fl-04 ta' Lulju 2002 u fix-xahrejn ta' qabel l-04 ta' Lulju 2002.***

Illi l-fatt illi d-droga herojina ma gietx ezebita, u lanqas ezaminata forensikament, huwa bla dubju nuqqas fil-gbir tal-provi, ***izda ma huwiex nuqqas tali illi jista' jwassal sabiex tillibera lill-imputat appellant mill-imputazzjoni ta' traffikar tad-droga herojina u tal-pussess aggravat ta' tali droga fil-perjodu hawn fuq imsemmi.***

Illi l-imputat appellant jilmenta wkoll dwar il-fatt illi l-gudizzju tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li tistrieh fuq ix-xiehda ta' Anthony Frendo ma kienx wiehed *safe* u lanqas *satisfactory* u dan ghaliex ix-xiehda moghtija mill-istess Anthony Frendo kienet wahda kunfliggenti.

Illi l-imputat appellant jibbaza tali konflitt fuq il-fatt illi Anthony Frendo, eventwalment, xehed illi hu *"…lanqas kien cert jekk huwa tax il-flus lil Ryan Agius il-passiggier, jew l-appellant li kien qed isuq."*.

Illi b'kull dovut rispett l-esponenti jirrimarka illi l-imputat appellant ma huwiex qed jaghti piz bizzejjed lix-xiehda ta' Ryan Agius stess fejn a *fol* 55 tal-atti ta' din il-kawza Ryan Agius jerga jikkonferma x-xiehda guramentata moghtija minnu quddiem il-Magistrat Dr. Giovanni Grixti, ezebita fil-*proces verbal a fol* 24 tal-atti ta' din il-kawza, fejn fiha kien xehed is-segwenti, u cioe':

*M. Qed nurik borza b'5 pakketti bi trab kannella. Qieghed tgharafha?.*

*T. Iva qed ngharafha.* ***<u>Din kienet ghand Antoine qabel ma morna fejn il-knisja.</u>*** *Mistoqsi x'ghamel biha nghid li* ***<u>Antoine taha lil dak ix-xih u dan tah il-flus ghaliha…</u>***

Illi, fi kwalunkwe kaz, irrispettivament ta' x'gara u ma garax dakinhar li sehhet il-*controlled delivery,* ***<u>Anthony Frendo gharaf illi kien l-imputat appellant illi madwar xahar qabel li saret il-controlled delivery spacca lilu d-droga herojina</u>***.

Illi rigward it-tielet aggravju, cioe' dak rigwardanti l-piena l-esponenti jidhirlu illi, in vista tan-natura serja tar-reati kommessi mill-imputat appellant, maghdud mal-fatt illi jidher car illi tali reati saru iktar minn darba, il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet pjuttost wahda gusta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-appellant hu akkuzat b'zewg incidenti separati. L-ewwel incidenti jirrigwarda gurnata partikolari u cioe' l-4 ta' Lulju, 2002. It-tieni parti jirrigwarda l-perjodu tax-xahrejn ta' qabel ta' din id-data partikolari.

Illi, fil-qosor, fil-gurnata tal-4 ta' Lulju, 2012 saret operazzjoni fejn certu Anthony Frendo kien cempel lill-appellant u ftehmu li Frendo kellu jixtri hames qratas eroina minghand l-appellant. Huma kellhom jiltaqghu hdejn il-knisja ta' San Bastjan, Hal-Qormi. Il-partijiet iltaqghu u Anthony Frendo xtara d-droga kontra pagament ta' mija u hamsa u erbghin liri maltin (Lm145). Din kienet parti minn operazzjoni tal-pulizija u sussegwentement l-appellant flimkien ma persuna ohra gew arrestati u Anthony Frendo gie mizmum mill-pulizija wkoll.

Illi fil-kors tal-kawza kontra l-appellant il-prosekuzzjoni naqset li taghmel zewg affarijiet. L-ewwel wahda kienet li d-droga qatt ma giet ezebita fl-atti tal-kawza. La nfu l-kwantita' effettiva l-purezza u x'tip ta' droga kienet. Il-Qorti trid tistrieh fuq dak li qalet il-prosekuzzjoni li dik is-sustanza kienet eroina. It-tieni tirrigwarda l-flus li Anthony Frendo kkonsenja lill-appellant. Dawn il-flus gew moghtija mill-pulizija lil Anthony Frendo. Dawn il-flus gew fotokopjati biex minnhom jirrizulta l-numru tal-kull bankonota li giet moghtija lil Anthony Frendo. Skont ix-xhieda prodotti Anthony Frendo ma kellu ebda flus fuq il-persuna tieghu ghajr dawk li gew konsenjati mill-pulizija biex ikun jista' jhallas bihom. Fil-mori tal-kawza ma gewx ezebiti l-flus li gew elevati minn fuq il-persuna li kienet ma l-appellant u ghalhekk ma sarx ezercizzju fejn il-bankonoti jigi komparati ma dawk li gew fotokopjati mill-pulizija.

Illi l-ewwel Qorti ghamlet emfasi fuq il-fatt li d-droga me gietx ezebita izda rabet dan in-nuqqas ma incident iehor bejn l-appellant u Anthony Frendo u waslet ghall-konkluzjoni li l-

prova necessarja saret. Fic-cirkostanzi bhal dawn hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-ezebizzjoni tad-droga hija 'sine qua non' biex it-tezi tal-prosekuzzjoni tilhaq il-livell rikjest mill-ligi. Biss biss hemm il-kwistjoni tal-kwantita', tal-purezza u tal-valur ta' din id-droga. Dawn huma kuncetti li wiehed ma jistax jassumi izda ghandu jkun hemm certezza. Fuq kollox, dan hu d-dover tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha u l-ezebizzjoni tad-droga, zgur li hi prova materjali qawwija.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha dwar il-gurnata tal-4 ta' Lulju, 2002.

Illi l-appellant gie wkoll akkuzat dwar in cident li gara mhux aktar minn xahrejn qabel id-data tal-4 ta' Lulju, 2002. Fuq dan il-punt din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti fejn sabet htija.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda x-xhieda tax-xhud principali Anthony Frendo. Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal aktar 'il fuq u fil-fehma taghha l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konlluzjonijiet milhuqa dwar dan ix-xhud.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie misjub hati tal-incident tal-4 ta' Lulju, 2002 u tillibera lill-appellant minn kull htija. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena ta' tmien xhur prigunerija u minflok tikkundanna lill-appellant, Antoine Agius, ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija. Il-multa ta' seba' mitt euro (€700) tibqa nvarjata u konfermata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------